**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**Vs**

**Neil Andrew Vella**

Kumpilazzjoni Numru: 1179/2012

**Illum 13 ta' April, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Neil Andrew Vella ta' 37 sena, iben Andrew u Pamela nee' Cocks, imwieled Stepney (London), nhar is-7 ta' Settembru 1976 residenti Blossom Flats, numru 7, Triq Santa Marija, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 175103L:

Talli nhar it-12 ta' Novembru 2012, ghall-habta tas-07:00hrs, gewwa Blossom Flats, numru 7, Triq Santa Marija, Birkirkara:

1. Bil-hsieb li joqtol lil Sandro Mifsud jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car wera il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sandro Mifsud;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u gar arma li taqta' u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
5. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmi Sandro Mifsud kif jidhrilha xieraq skont l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

- Fl-artikoli 214, 215, 217 u 218(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputat qieghed jigi primarjament akkuzat li kkaguna ferita gravissima fuq Sandro Mifsud.

Id-difiza ssollevat l-eccezzjoni tal-legittima difiza u tal-agitazzjoni tal-mohh.

Jirrizulta mill-atti li Sandro Mifsud qala' diversi daqqiet ta' sikkina fit-12 ta' Novembru 2012 fir-residenza tieghu. L-imputat kien ilu ghal diversi xhur joqghod fir-residenza ta' Sandro Mifsud billi ma kellux fejn joqghod. Dak iz-zmien l-imputat kien ghaddej minn diversi problemi.

Jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Priscilla Caruana Lee[1] li meta marret fuq il-post apparti li kien hemm Fabian Sciriha sabet ukoll lill-imputat u tat struzzjonijiet biex kemm l-imputat kif ukoll Sciriha jittiehdu l-ghassa minhabba inkonsistenzi fil-versjoniiet li bdew jgahtu lill-pulizija. Infethet inkjesta magisterjali. Meta marret l-isptar u hadet il-versjoni ta' Sandro Mifsud qalilha li kellu argument mal-imputat il-gurnata ta' qabel fuq €45 nieqsa mill-kartiera u beda jwahhal fl-imputat jew Sciriha. Qalilha li l-imputat mar ghalih b'sikkina fejn gew f'argument u kkawzalu l-griehi. Kellu griehi gravi izda qatt ma kien fil-periklu tal-mewt.

L-Ispettur Elton Taliana jixhed[2] li meta acceda fuq ix-xena kien hemm hafna rqajja ta' demm fil-kcina u kien hemm siggu li hdejh kien hemm demm mal-art kif ukoll kien hemm demm int u diehel fil-kamra tas-sodda. L-imputat qal lill-Ispettur li Sandro Mifsud kien jehodlu c-cekk kollu tar-relief, li kien jahqru u kien izomm ukoll ktieb (li gie elevat u ezebit) li fih kien inizzel il-flus li skontu l-imputat kellu jaghtih. L-Ispettur Caruana ukoll tikkonferma li l-imputat qalilha li l-vittma kien jimmaltrattah u tixhed ukoll li l-imputat kellu feriti li l-imputat sostna li saru minn Mifsud.

Sandro Mifsud xehed telegrafikament li ma jiftakarx kif sehh l-incident ghaliex kien jiehu l-mistura minhabba l-vizzju tad-droga. Huwa qala' daqqa minn wara u ntilef minn sensih u l-ohrajn ma jafx kif qalghhom. Huwa xehed li hafer lill-imputat.

Mix-xhieda ta' Fabian Sciriha[3] jirrizulta li l-versjoni moghtija minnu hija li huwa kien ilu jghix fir-residenza ta' Sandro Mifsud ghal erbat ijjiem. Jikkonferma l-argument li ssemma mill-imputat u Mifsud il-gurnata ta' qabel. Huwa xehed li waqt li kien rieqed fuq is-sufan

[1] Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012
[2] Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012
[3] Seduta tal-11 ta' Novembru 2012

sema' l-istorbju, qam minn fuq is-sufan, dahal fuqhom u mar gibed lil Sandro Mifsud 'l barra ghal fuq is-sufan u cempel lill-ambulanza billi sab lil Sandro Mifsud kollu demm. Huwa jixhed li ra lill-imputat jaghti bis-sikkina lil Mifsud u rah idahhallu s-sikkina f'genbu u ra wkoll lil Mifsud b'imqass.

L-imputat li rrilaxxja stqarrija u ghazel li jixhed ukoll f'dawn il-proceduri xehed li kellhom argument il-gurnata ta' qabel fuq il-flus. Jispjega li dakinhar tal-incident Sandro Mifsud kien qajmu biex imur jixtrilu t-tabakk u billi ma sablux xtralu zewg sigaretti. Billi mar bil-flus nieqsa Mifsud bghatu jfittixha u meta mar lura fl-appartament sab lil Mifsud lest ghalih bis-sikkina u mqass. L-imputat isostni li tah daqqa b'rasu u li ghalhekk waqghat is-sikkina u gabarha huwa. Mifsud mar fil-kamra tas-sodda u huwa haseb li kien se jgib ir-revolver billi kien ighidlu li kien se jahlih fuqu. Mifsud beda miexi b'idejh wara dahru izda fil-fatt kellu l-imqass. Kompla l-argument huwa qala' daqqiet u imbaghad isosnti li beda jaghti bl-addocc. Izda x'hin induna li Mifsud kien kollu demm tellghu fuq siggu u pprova jghinu.

Illi minn dak li jemergi mill-provi jirrizulta li xhud okulari ta' kif beda l-argument u kif l-imputat u l-parte civile gew fl-idejn ma kienx hemm. Sandro Mifsud innifsu jixhed li ma jiftakarx wisq dwar l-incident hlief li jixhed li qala' daqqa minn wara u ntilef minn sensih u d-daqqiet l-ohra ma jafx kif qalaghhom. L-imputat ta l-versjoni tieghu kif fuq indikat. Fabian Sciriha kien rieqed u qam bl-istorbju li sema' u kwindi la jista' jikkonferma u lanqas imeri l-versjoni tal-imputat li sab lil Sandro Mifsud lest ghalih b'imqass u sikkina kbira. Fabian Sciriha jixhed li l-involviment tieghu kien li mar biex gibed lil Sandro Mifsud mill-kamra madankollu mir-rapport ta' Dr Mario Scerri rrizulta li Fabian Sciriha wkoll kellu diversi griehi fuqu.

Mir-rapport ta' Dr Mario Scerri jirrizulta li kemm Sandro Mifsud, kif ukoll l-imputat u Fabian Sciriha kellhom diversi griehi fuqhom.

Min-naha l-ohra jirrizulta mir-rapport tal-espert Joseph Mallia li fuq is-sikkina nstabu biss impronti tal-imputat.

Dwar l-eccezzjonijiet sollevati mid-difiza jinghad:

Inkwantu ghal-legittima difiza fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit**[4] inghad:

*"L-imputat eccepixxa id-difiza ta' self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.*

*Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:*

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

*Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.*

*Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha."*

*F'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:*

*"Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

*Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun*

---

[4] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014

*ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tieghu tal-ligi penali jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila' jinghad li:*

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Inkwantu ghall-eccezzjoni tal-agitazzjoni tal-mohh hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gordon Borg** mill-Qorti tal-Appell Kriminali[5]:*"Id-difiza illi l-appellant kien taht influwenza immedjata ta' passjoni stantanja jew agitazzjoni tal-mohh hija permessa mill-Ligi pero biex ikollha success irid jirrizulta illi kien hemm provokazzjoni gravi u illegali, b' tali mod illi nies f'temperament ordinarju, komunament igib l-effett illi ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Dan ifisser it-test li ghandu jintuza huwa wiehed oggettiv u mhux soggettiv kif seta' hasibha l-appellant dak il-hin ta' l-incident."*

Minn dan il-kwadru ta' fatti u provi prodotti, il-Qorti tqis li l-versjoni moghtija  mill-imputat mhiex kompletament veritiera. Irrizulta li fuq is-sikkina nstabu biss impronti tieghu u ghalhekk mhux minnu li Sandro Mifsud kellu f'xi mument f'idejh din l-istess sikkina kif sostna l-imputat. Huwa evidenti li l-imputat li dak iz-zmien huwa nnifsu kellu l-vizzju tad-droga kien qieghed jigi trattat hazin minn Sandro Mifsud. L-ahhar incident bejniethom kien proprju jirrisali ghal gurnata ta' qabel l-incident proprju filghaxija fejn kellhom xi jghidu fuq flus u Mifsud ghal darb'ohra nizzel fuq id-djarju li kien izomm li l-imputat kellu jaghtih l-ammont ta' €45. Dan meta l-istess Mifsud kien jiehu f'idejh ic-cekk tas-servizzi socjali li kien jircievi l-imputat. Fil-gurnata tal-incident l-imputat kellu jmur jixtri t-tabakk ghal Mifsud li minhabba li gablu l-bqija tal-flus nieqsa baghat lill-imputat ifittex il-€5. Meta l-imputat irritorna fl-appartament bil-flus nieqsa inqala' argument bejn l-imputat u Mifsud. Wara li sab il-flus u rritorna huwa evidenti li l-argument kompla, l-imputat f'dan l-argument qabad sikkina u beda jaghti lil Mifsud bl-addocc kif xehed hu stess. Mifsud garrab ukoll griehi f'dahru. L-istess Mifsud qabad l-imqass u min-naha tieghu wkoll ferixxa lill-istess imputat.

Minn dan isegwi li la l-eccezzjoni tal-legittima difiza ma tista' tirnexxi u lanqas dik tal-agitazzjoni tal-mohh. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li dawn l-eccezzjonijiet huma kuntradittorji ghal xulxin ghaliex filwaqt li l-eccezzjoni tal-legittima difiza tippresupponi li l-individwu jaf x'inhu jigri u jaf il-konsegwenzi ta' eghmilu izda rinfaccjat b'sitwazzjoni determinata li ma jistax jahrab minnha jiddefendi lilu nnifsu; mentri l-agitazzjoni tal-mohh tippostula sitwazzjoni fejn l-individwu ma setax iqis l-eghmil tieghu.

[5] 1 ta' Marzu, 2012

Inkwantu ghal-eccezzjoni tal-legittima difiza, l-imputat kien l-aggressur u anki li kieku kellha tigi accettata l-versjoni tieghu huwa seta' johrog liberament mill-appartament. Min-naha l-ohra, l-imputat anki l-mod kif xehed jirrizulta li kien jaf x'inhu jaghmel.

Inkwantu ghan-natura tal-feriti sofferti minn Sandro Mifsud jirrizulta li d-diversi feriti sofferti minnu kienu ta' natura hafifa, hlief ghal lezjoni fuq l-ewwel subgha tal-id ix-xellugija klassifikata bhala incizjoni maghmula minn strument li jaqta' u bil-ponta kompatibbli wkoll ma' *defensive injury* li fir-rapport ta' Dr Mario Scerri[6] gie indikat li din il-lezjoni tista' tibqa' bhala marka vizibbli. Inoltre' Dr Paul Zammit[7] li kien xoghol fl-emergenza meta ddahhal Mifsud l-isptar xehed li huwa kklasifika l-griehi sofferti[8] minn Mifsud bhala gravi minhabba l-ferita fuq il-wicc tal-id ta' Mifsud. F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Fortunato Sultana**[9] fejn gie ritenut:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu tal-kawza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi sofra offiza ta' natura gravi fit-termini tal-artikoli 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet tal-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali."*

F'dan il-kaz ukoll gew ezebiti ritratti li ttiehdu ftit hin wara l-incident u jirrizulta b'mod inekwivoku li Mifsud sofra offiza ta' natura gravi. Madankollu ma jirrizultax mill-provi li huwa sofra offiza gravissima kif qieghed jigi akkuzat u dan billi ma jirrizultax li l-isfregju soffert minn Mifsud kien gravi u permanenti.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni din tirrizulta ampjament mill-provi prodotti.

[6] Dok MS a fol 171 et seq tal-process
[7] Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013
[8] Dok PZ a fol 359 tal-process
[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciza fil-5 ta' Frar, 1998

Inkwantu għat-tielet addebitu tar-reċidiva, il-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja ta' sentenza tat-28 ta' Lulju 2010 li inghatat fil-konfront ta' Neil Andrew Vella. Din is-sentenza izda ma fihix konnotati u lanqas ingabet il-prova tal-identita' tal-imputat. Ghaldaqstant dan l-addebitu ma giex ippruvat.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-gravita' tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tal-imputat u l-fatt ukoll li l-imputat fiz-zmien tal-akkadut kellu l-vizzju tad-droga u hekk kif jirrizulta mid-diversi noti prezentati matul il-process u mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Glenn Grixti l-imputat segwa program ta' rijabilitazzjoni, hareg mill-vizzju li kien jahkmu, sab impjieg u bena familja. Il-Qorti qeghda tiehu kont ukoll tal-fatt li Sandro Mifsud hafirlu inkundizzjonatament. In vista ta' dan il-Qorti, minghajr ma tnaqqas mill-gravita' tar-reati, tqis li m'ghandhix timponi piena karcerarja effettiva izda ghandha timponi sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat fic-citazzjoni, u filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati li kkaguna offiza gravissima fit-termini tal-artikolu 218(1)(b) (billi se jinsab hati li kkaguna offiza gravi) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ma ssibux ukoll hati tal-addebitu tar-recidiva u ghaldaqstant tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 214, 215, 217 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta filwat li tichad l-eccezzjonijiet tal-legittima difiza u tal-agitazzjoni tal-mohh issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerja li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Inoltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' Supervizjoni ghal dmien sentejn u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' sitt elef u wiehed u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€6,061.67) rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura[10]. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika tas-sentenza lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole u tirrakkomanda li jkun segwit minn Glen Grixti.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat

[1010] Il-Qorti ma nkludietx l-ispejjez tar-rapport ta' dak iz-zmien (illum Magistrat) Dr Joseph Mifsud u dan billi huwa evidenti li dan l-espert inhatar mill-Magistrat Inkwirenti biss biex jisma' x-xhieda meta dan huwa prekluz mil-ligi.